# ŻIEDA TA' KLIEM U TIFSIR

Ta' V. Mifsud Bonnici
(*miġjub minn* Ġ. Cassar Pullicino)

(Jaqbad ma' *Leben il-Malti*, Għadd 8)

## Q

QABEŻ, JAQBEŻ (għall-inbid) – sponta.

QABIDU – il-qbid tiegħu.

QABIL – razza. "Il-ħawħa u l-lewża qabil wieħed"; "dak il-qabil (il-bhejjem ta' laħam il-kelb) irid jiekol u jaħdem".

QADD – *żejjen qaddek*, ilbes sabiħ.

QÂDI – imħallef.

QAFIŻ – "a measure of capacity equal to 4.580 imperial gallons".

QAFQAF, IQAFQAF – jagħmel il-qfief; "aħna dejjem inqafqfu u nbexklu"; iġġib 'il dak li jkun bħal jixbeh il-qoffa kollha għesieleġ niexfa u qodbien imqarqċa, "il-bard qafqaf 'il kulħadd".

QAGHDI – *Raba' qagħdi*, wati, pjan; il-maqlub ta' *sellum*. L-għelieqi tar-raba' qagħad jew qagħdi joforquhom minn xulxin bil-ktajjen, u s-slielem bis-sisien.

QALA' – qala' riħ, ħa riħ; qala' ruħu, bata ħafna; "qlajt ruħi ma' dik it-telgħa".

QALBA – "il-lewż għal Lapsi jkun fih il-qalba"; xaqliba, "fuq il-qalba ta' 'l ilhinn".

QÂLI – qiegħed; "u dak x'inhu jagħmel daż-żmien? – Qâli!".

QALLAT, IQALLAT – mexxa, tajjar quddiemu xi ħaġa billi jagħti bis-sieq, bħal meta tilgħab il-ballabrott; mela sawwat, isawwat bis-sieq il-kbir billi jġerri quddiemu liż-żgħir (xi tifel); "diem iqallatni mis-sieri, u jien niġri".

QAMLA – fergħa illi ttalla' ftit għejjun; *qamel*, "il-frak irqiq tal-weraq li jibqa' mwaħħal mal-bjada".

QAMQAMA – kelma qadima li tfisser baqra. Ara f'dan id-dars il-kliem li ġej: "Ixtri l-qamqama u l-qamqam imqar qamu kemm qamu".

QANA – gandott b'toqba. "L-ilma tax-xita jgħaddi minn ġo qana u jibqa' nieżel għal ġo belliegħa.

QANJA – daħla ma' ġenb il-forn biex iżommu r-rmied fiha (fejn il-furnar igezzez in-nożżli) "Il-furnar ġibed il-ġamar tan-nar u xeħtu ġol-qanja".

QANNEB – Igħidu li l-qanneb jaqtgħuh mal-qamħ ir-rum; għal Santa Marija jibdew ibigħuh.

QANSAR, IQANSAR – Tagħti bil-ftit il-ftit, bħal dak li jxeħħ biex joħroġ dak li għandu joħroġ minn taħt idejh.

QARA – *qara fi ktiebu*, jedha f'dak li jmiss lilu; "dak ħallih jaqra fi ktiebu".

QARA', JAQRA' – għamel jew ġieb qargħi, qaxqax. "Taqragħhuli x-xagħri"; "Issa dal-blat għax jaqergħuh sal-baħar?"

QARŻUT – riħ qawwi.

QASBIJA – it-taqċit tas-silla, żara', eċċ, li jibqa' fl-art wara l-ħsid; "Qasbija taż-żara', qasbija tas-silla". Ir-raba' nnifsu fejn hemm il-qasbija. (fejn silla jew żara' ġie maħsud frisk, jew xi ful qatgħuh għal aħdar): "għaddejna mill-qasbija".

QASIR – nieqes; *robbu qasir*, il-biċċa tar-robbu ta' quddiem jiġifieri bit-taħżima nieqsa.

QASMA, (pl. *qsami*) – ftl fil-blat li mhux ġej mill-lbiċ. "Meta niltaqgħu ma' qasma ngħidu: Din ferħa ta' brama, m'hi xejn".

QATA' – rikkeb, bħalkieku qata' mill-art lil xi ħadd u rikkbu; *kont sejjer ir-raħal u sibt min qatagħni*, "I was repairing to my village and was given a lift".

QATTA – *Weħel bil-qatta*, ġabar ta' kulħadd, dejn, u ħwejjeġ oħra li ma tixteqhomx.

QAWS – "fuq ir-rexxiexa jsir l-akkordju tal-qaws; iktar ma jkun ikkurdat tajjeb iktar jaqta' tajjar ilhinn".

QAWSALLA – Id-dawra nofs tond li jidher jagħmel ġisem fis-sema minn xhin ifiġġ sa jgħib. Ix-xemx fix-xitwa l-qawsalla tagħha tqassarha: u narawha titla' minn ġox-xlokk u tgħib ġol-lbiċ.

QAWWI – *Qalbi qawwija*, għandi tama kbira; *għandi qawwi*, nemmen, għandi fehma qawwija, "minn dejjem kelli qawwi li l-Maltin għad iġibuha żewġ".

QAŻQAŻ – għajjat bħal qażquż.

QAŻWAT, IQAŻWAT – Iqassam u jarġa' jqassam fi bċejjeċ żgħar; *suddividere, to subdivide;* "min iqażwat juri xeħħa".

QELEQ, JEQLEQ – Raġa' qal "leqq", raġa' bdielu. "Min ikun qiegħed tajjeb u jeqleq, il-ħażen ma jonqsux".

QERGHUN – Il-qiegħ nett tal-ħaġa, l-għeruq, il-basla, "tini (tisjir) tal-qergħun"; "naqlagħlek il-qergħun"; bħal għid li fih is-sid jagħmel ħwejjeġ ta' l-ikel żejda biex jitma' lil dawk li jaħdmu miegħu f'xi jum ta' ferħ; xalata, "għada l-għarusa għandha l-qergħun".

QIEGH – Vina ta' l-art għaddejja ma' wiċċ l-art. Fil fil-blat għaddej wati mal-barriera kollha. Fil-ktir *qigħan* jew *qagħan*. Il-qiegħ jagħmel mogħla subgħajn qoxra iebsa, għalhekk jinsieħ ukoll *skorċ*.

QIEGHA – Bħal dawra dawl abjad imsaħħab madwar il-qamar. "Il-qamar ikun bil-qiegħa meta jkun ġej ir-riħ".

QIEGHED (qroqqa) – "Il-qroqqa li jqiegħduha f'Jannar il-flieles tagħha joħorġu sħah u f'saħħithom"; "fit-telfa tal-qamar tqigħedx bajd taħt il-qrejjaq"; "Qiegħed il-qroqqa f'riħ majjistral".

QOBRU – Granċ, grottlu. "Sejrin lura bħal qobru".

QOFOL – Il-għoqda tal-ħaġa; kaptell li jgħatti ħajt tas-sejjieħ jew il-kaptelli kollha mrikkbin fuq ħajt tas-sejjieħ biex iqaffluh (ma jiġix imwaqqa', ma jimbalax, ma jinfetaħx bix-xita); "coping stone".

QOLLIEGHA – Bħal blata mwaħħla ma' l-art imma tinqala', tirxa maqlugħa minn ma' l-art.

QORQ TAL-FART – biċċa nagħla bis-suf b'kollox imfassal ħażin ħażin fuq is-saqajn u marbut bi qfieli tal-ġild minnu nnifsu jew tal-ħabel.

QORTIN – Bħal xagħra f'witja ta' ġbiel. "Qortin tal-blat"; "Qortin ma fihx trab".

QRENDI – Il-Qrendi kulħadd issiblu nagħġa; u l-Qrendin jieħdu ġbejniet wisq is-suq t'Għawdex.

QRIN (pl. QRAN, QRAJJEN) – *Coetaneo, of the same age.* "Għandi ħafna qrajjen"; "Aħna qrin wieħed".

Tmien tuzzani w erba' snin
Ingħodd sew sewwa jien;
Hbiebi kollha txerrdu w mietu
Tiegħi qran ma baqa' mkien.

QSIMA – ratal u kwart.

QURQAĊA – ħafna ġo xulxin, bħal *qurqaċa rakkmu, qurqaċa kwiekeb, qurqaċa fidda.* "Sidrija qurqaċa buttuni".

QXUR TAL-GATTARELL – il ġild tal-gattarell imnixxef li jħokku u jmellsu bih l-injam; xkatlu.

R

RABRABA – minn ħlief *rabbaba.* "Harġu jdoqqu biż-żaqq u r-rabraba u ż-żavżava".

RADAM BIL-BŻAR – qaleb ir-raba' (għal seħħ) jew għażaq bit-talja (meta jaqilbu r-raba' mill-qiegħ u jagħmlu braġ fil-ħamrija).

RADD – ta, jagħti; "Qabel Santa Marija ma jkunx jaf il-bidwi x'radd ir-raba".

RADDA – dik it-triq dejqa li tħalli x-xita fl-art minn fejn tgħaddi. "Meta x-xita tinżel ħelwa tifrigħ f'ħafna miġriet ta' l-ilma li jħallu r-raddi wrajhom".

RAFA' – Qala'. *Rafa' ċanfira.*

RAĠUNI (RAĠUN) – Nofs artal, nofs kwart u uqitejn f'kull wiżna li jitqiegħdu ġol-keffa tal-użin biex jinqata' b'riżq ix-xerrej fil-bejgħ tal-maħluġ għat-telf li jkun fih meta tagħżlu biex jibqagħlek dejjem wiżna xketta. Jew tliet wiżniet fil-qantar (bil-qies sew jiġi Rtal $13^{25}/_{30}$).

RAJJA – Il-ħxuna ... tal-mus tal-leħja. "Ir-rajja ta' dal-mus bdiet teħxien: għandu bżonn tas-senn".

RAQT IR-RUĦ (jew REQQET IR-RUĦ) – għaxwa; "Bil-għafja li għandi tatni raqt ir-ruħ''.

RASS ID-DEMM – *congestione*; *congestion* ; "għandi rass f'qalbi".

RAXX (tal-baħar) – spray of the sea.

RAXXA – daqsxejn ġmielha, bejn ħafna u ftit, qisu kemm troxx; "Raxxa żara' fl-imniedaq; ġiet raxxa summien".

RAŻLA – xiber u nofs għuda, imgerba bħal lembuba, u b'biċċa ram f'kull ras, biex jimsaħ biha, il-kejjiel tal-qamħ, il-wejba, is-siegħ, eċċ.; rexqa. (Falzon jagħti l-kelma RAŻOLA)

RĊIPP – għeneb barra minn żmienu; "ir-rċipp joħroġ aktarx f'Ottubru"; Kemm qalgħet irċipp did-dielja".

RĊUGĦ (jew RĠUGĦ) – Weraq ta' barra minn żmienu, joħroġ fil-ħarifa u jerġa' jaqa'.

REBBIEGHA – ħabta fis-sena li fiha titrabba xi ħaġa fl-art jew issir biex trabbi. "Marzu r-rebbiegħa tal-bhejjem" (għax fih isibu x'jieklu l-iżjed, ir-rieghi tibbies, eċċ). Isemmu r-rebbiegħa tal-qara' bagħli, tat-tadam, tal-brinġiel, tal-qaqoċċ, tal-pastard, tal-ful u l-piselli.

REFĊA – (kelma tal-ħajja) tin.

REFFIEGHA – biċċa tax-xedd; dik li tarfa' 'l fuq id-dafar għal mal-pannell.

REHEM – fejn tkun il-bajda magħmula qiegħda l-aħħar.

REJJAQ – ta ta' xejn, lil min ma jmissux, ma għandux ħaqq; bħal dak li qallu *ta għar-rieq*. "Dalwaqt se mmur inrejjaqlu mitt skud!".

RESLA (jew RISLA) – Ittra; "Ir-rsul leħnin huma A,E,I,O,U"; Ktiba sħi-ħa mibgħuta lil xi ħadd bħar-risla ta' S. Paul lin-nies ta' Korint.

REMA, JARMI – ta, jagħti. "Raħal jarmi ħafna nies", "riħ jarmi nxief".

REQQ, IREQQ – minn ħlief *raqq, ireqq*. Sar irqiq, xaħħ. *Ruħu reqqet, qal-bu għażżet* (fil-ħaġa li tkun, irid jagħti u ma jridx, ma jridx jerħi minn idejh).

REWWIEHA – tieqa ċkejkna aktarx fil-għoli għan-nifs.

REXXIEXA – Kannol oħxon tal-qasab taħt *il-ħajjasa*. Jaqdi biex il-watal iżerżer fuq il-ġilda – kemm iżerżer irqiq tkun ikkurdata.

RGATT – nies fuq xulxin jixxabbtu, jittawlu u jittuffaw biex iħarsu.

RGATTA, JIRGATTA – żied, iżid fuq xulxin biex jixtri. "Jirgattaw biex jixtru xi bhima mill-għalqa".

RIEMA – Żurżieqa f'xatt il-baħar fejn il-baħar jobrom u jagħmel ir-ragħwa bajda, xifer. "Il-ponta tal-Forti tinsieb riema tal-baħar".

RIEGHI – *Ħobż riegħi* (misem), mhux misjur żejjed għax irid it-tixrib. Il-ħobż wara li jitfgħuh fil-forn jerġgħu joħorġuh u jxarrbuh biex ma jibqax riegħi.

RIEWAH – li hu mrewwaħ, jgħaddi fil-wisa'.

RIH, IRIH – Dar b'salt u jaħbat fuqek għal għarrieda, "il-bagħal nafarli u rieħli għal fuq il-ħajt tal-għalqa"; ma tibqax sejjer dritt, iddur mar-riħ, "jekk tgħaddi l-balla mill-wied triħ xi naqra għax jixrobha".

RIH LI LLUM – *modo avverbiale che significa fino al di d'oggi e non-ostante il lasso di lungo tempo*; sal-jum imqaddes tal-lum, avolja ilu ħafna; "mar: riħ li llum ma ġiex iktar".

RIH TA' DIK – koċċla; "narra taqbdek riħ ta' dik!"

RIHAN – bħal terra jużawha l-qwiebel; *Fuller's Earth*.

RIMA – *scia*, *wake*; brim ta' l-ilma maħluq minn ġisem tqil għaddej jiġri aktarx minn ġol-baħar.

RIMJA – sajda; li titfa' jew tarmi darba x-xlief jew l-għażel.

RIQ – *Għal riħet ir-riq*, kemm kemm idduq jew tmiss ma' saqaf il-ħalq.

RMOND – weraq tad-dwieli . . . biex iserrħu s-siġar.

RMOXK, RMIXK – m'aħniex, għax fih il-ħażin, mela ma jiswiex.

ROBBU (fil-ktir rbiegħ) – mill-erbgħa waħda ta' bhima maqtula, *la quarta parte d'una vacca macellata esibita per vendita* . . . *Ir-robbu ta' wara* – qasir – tissejjaħ il-qatgħa tan-naħa tal-kitf tar-robbu ta' quddiem; imur maqsum fi tnejn – u l-biċċa l-oħra tiegħu tinsieħ *taħżima*.

ROQQAJS – Biċċa fil-mitħna tal-kaħwa.

RQIQ – xħiħ, iraqqaq, qalbu treqq meta jiġi biex jagħti. "Kemm hu rqiq!"

RSULI – Twassil ta' tweġib, ta' kliem aktarx bla bżonn. "Tiddi u ġġib ir-rsuli", "twassal ir-rsuli".

RTAQAD, JIRTAQAD – Iltewa, jiltewa u jarġa'.

RTOQOM – Żamm ruħu mill-aħjar fil-qagħda, fl-imġieba; tkabbar; *to pique oneself*. "Bdiet tirtoqom ġol-ħwejjeġ".

RTUBA – Frisk.

RŻITTA – Qagħad ġwejjed, ma għadux demmu jegħilbu; mit-Taljan *zitto*.